**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju, 2001**

**Numru 10**

**Avviz. numru 227/01JR**

**Allcare Insurance Agency Limited ghan-nom ta' Middle Sea Insurance plc**

**vs**

**George Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 t'April, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u hames liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm105.16), rappresentanti l-bilanc mill-prezz ta' "premiums" dovuti fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga fuq ordni u inkariku tieghek, kif jidher mill-istatement anness mal-avviz bhala Dokument A;**

**Bl-imghax mit-3 ta' Dicembru, 1997, u bl-ispejjez inkluzi hames liri (Lm5.00) tal-konsult kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda tal-Prokuratur Legali Christina Zarb Adami ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hames liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm105.16), bl-imghax legali mit-3 ta' Dicembru, 1997.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, eskluzi dawk tal-konsult, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**